MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 180/2005

**Captain Morgan Leisure Limited (C3255)**

**Vs**

**Keith Perry (karta ta' l-identita' numru 12072(M) )**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' ghall-hlas tal-ammont ta' elfejn u hamsa u hamsin lira Maltin u seba' centezmi (Lm2055.07), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghall-biljetti ta' eskursjonijiet provduti lill-konvenut fuq talba tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk ta' l-interpellazzjoni, bonarja u ufficjali, u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammonti saru dovuta, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-ewwel (1) ta' Novembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2055.07,0 bl-imghax legali dovut "a scaletta" mid-29 ta' Gunju 2000 skond l-annessi dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkusi dawk tal-ittri bonarja ufficjali msemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------